MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Numru 362/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**RONALD MIFSUD.**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ronald Mifsud ta’ 35 sena, bin Joseph u Maria Violetta nee’ Cordina, imwieled Hamrun fit-8 ta’ Ottubru 1966, u li joqghod fl-indirizz “Surit il-Bniedem”, 114, St. Albert

Street, Gzira, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 435666M;

Talli fit-28 ta’ Frar 2002, u fil-gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm4730 ghad-detriment ta’ Joseph Buttigieg.

B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga’ b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm4730 ghad-detriment ta’ Raymond Mifsud.

Wara illi rat l-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli edba alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib

lill-imsemmi Ronald Mifsud, hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat ir-rieda ta' l-imputat li jirriforma ruhu, qeghda tikkundanna lill-imsemmi imputat ghal piena ta' sena prigunerija u tordna li din is-sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn millum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, a tenur ta' l-Artikolu 28. Din il-Qorti qeghda wkoll tordna lill-imputat sabiex fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum ihallas is-somma ta' Lm3,680 lil Raymond Mifsud u l-ammont ta' LM4,300 lil Joseph Buttigieg fiz-zmien ukoll sitt (6) xhur mil-lum, a tenur ta' l-Artikou 28H.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------